Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

GEORGE HYZLER
Aġent President

24 ta' Novembru, 2000

## ATT Nru. XXVIII ta' l-2000

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Kompetizzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-kummerċ jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal provvedimenti differenti u għal finijiet differenti ta' l-Att.

**2.** L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

(a) fit-tifsira ta' "dħul min-negozju" il-kliem "jew xort'oħra" għandhom jitħassru, u minflok il-kliem "subartikolu (4) ta' l-artikolu 7 u ta' l-artikolu 21" għandhom jidħlu l-kliem "subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 u ta' l-artikolu 21";

(b) minflok it-tifsira ta' "intrapriża" għandha tidħol din li ġejja:

" "intrapriża" tfisser kull persuna sew jekk tkun individwu, korp magħqud jew mhux magħqud jew kull enti oħra, bi skop ta' xi attività ekonomika, u tinkludi grupp ta' intrapriżi;";

(ċ) fit-tifsira fit-test Ingliż ta' "Minister" minflok il-kelma "trade" għandha tidħol il-kelma "commerce";

(d) minflok it-tifsira ta' "pożizzjoni dominanti" għandu jidħol dan li ġej:

" "pożizzjoni dominanti" tfisser pożizzjoni ta' qawwa ekonomika li jkollha intrapriża waħda jew iktar li biha dawn l-impriżi jkunu jistgħu jipprevjenu milli jkun hemm kompetizzjoni effettiva fis-suq rilevanti billi tagħtihom is-setgħa li jikkomportaw ruħhom, f'limiti sinjifikanti, independentement mill-kompetituri, provdituri jew xerrejja tagħhom;";

(e) minnufih wara t-tifsira ta' "pożizzjoni dominanti" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "prattika restrittiva" tfisser ftehim bejn intrapriżi, deċiżjoni minn għaqda ta' intrapriżi, jew prattika miftiehma projbita taħt l-artikolu 5 u, jew, abbuż minn intrapriża waħda jew iktar intrapriżi minn pożizzjoni dominanti projbita taħt l-artikolu 9 ta' dan l-Att;";

(f) fit-tifsira ta' "suq rilevanti", minnufih wara l-kliem "lokalità partikolari" għandhom jidħlu l-kliem ", u kemm jekk ikun jew ma jkunx ristrett għal xi perjodu partikolari ta' żmien jew staġun tas-sena".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "skond dan l-Att" fil-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "u li jagħti bidu għal azzjonijiet skond dan l-Att biex jissopprimihom"; u

(ii) minflok il-kliem "mogħtija lilu" fil-paragrafu (d) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "konferiti fuqu"; u

(b) il-kliem "tal-Kompetizzjoni Ġusta" kulfejn dawn jidhru fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jitħassru.

**4.** L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikoli (2) sa (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) sa (6) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu (2) li ġej:

"(2) Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjonijiet lilha mogħtija b'dan l-Att u kif jistgħu jiġu lilha assenjati taħt kull liġi oħra."; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu kif enumerat mill-ġdid minflok il-kelma "Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-ġustizzja".

**5.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Dan li ġej mhuwiex leġittimu" għandhom jidħlu l-kliem "Bla ħsara għall-provvedimenti ta' dan l-Att, dan li ġej mhuwiex leġittimu", minflok il-kliem "kull deċiżjoni minn intrapriża jew" għandhom jidħlu l-kliem "kull deċiżjoni", u minflok il-kliem "fis-suq rilevanti" għandhom jidħlu l-kliem "f'Malta jew f'xi parti minn Malta", u l-kliem "jieħu sehem f'" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**6.** Minflok l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

"Ftehim eċċ. meta l-impatt ikun wieħed minimali.

6. (1) Kull ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma bejn intrapriżi ma għandhomx ikunu suġġetti għall-projbizzjoni li hemm fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 jekk l-impatt tal-ftehim, deċiżjoni jew prattika fuq is-suq rilevanti jkun wieħed minimali.

(2) Sabiex jiġi stabbilit jekk dak l-impatt ikunx wiehed minimali jew le, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha inkluż is-sehem totali tal-intrapriżi kollha involuti fis-suq rilevanti:

Iżda kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, dak l-impatt għandu jiġi preżunt li jkun wieħed minimali jekk l-intrapriżi involuti ma jkunux bejnithom jeċċedu xi tnejn minn dawn il-kriterji li ġejjin, jiġifieri:

(a) medja ta' impieg ta' għoxrin persuna matul il-perjodu rilevanti; jew

(b) dħul min-negozju annwali ta' tliet mitt elf lira, jew dak l-ammont ogħla li l-Ministru jista' jippreskrivi; jew

(ċ) valur ta' attiv nett ta' mija u ħamsin elf lira, jew dak l-ammont ogħla li l-Ministru jista' jippreskrivi.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu ma għandhomx ikunu japplikaw meta fis-suq rilevanti l-kompetizzjoni tkun ristretta bl-effett kumulattiv ta' *networks* paralleli ta' ftehim simili stabbiliti minn diversi intrapriżi.".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**7.** L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att, id-Direttur jista', meta ssirlu applikazzjoni minn intrapriża jew minn għaqda ta' intrapriżi, jeżenta mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 -

(a) kull ftehim bejn intrapriżi; jew

(b) kull deċiżjoni minn għaqda ta' intrapriżi; jew

(ċ) kull prattika miftiehma,

li f'kull każ jikkontribbwixxu għall-iskop ta' titjib fil-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti jew servizzi jew fil-promozzjoni ta' progress tekniku jew ekonomiku u li jkunu jippermettu li l-konsumatur igawdi sehem ġust fil-beneficċju li jirriżulta:

Iżda d-Direttur ma għandux jeżenta xi ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma bħal dawk jekk dak il-ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma jew:

(i) ikunu jimponu fuq intrapriżi involuti xi restrizzjoni li ma tkunx indispensabbli għall-ksib ta' dak l-iskop; jew

(ii) ikunu jagħtu lill-intrapriżi involuti l-possibilità li jeliminaw jew inaqqsu b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni għar-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti li għalihom jirreferu l-ftehim, id-deċiżjoni jew il-prattika miftiehma.";

(b) minflok il-kliem "Il-Kummissjoni tista' tagħmel" u "hija tara" għandhom jidħlu l-kliem "Id-Direttur jista' jagħmel" u "jara" rispettivament; u

(ċ) minflok is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"(3) Dikjarazzjoni li japplika għaliha dan l-artikolu għandha tkun bil-miktub u għandha tispeċifika d-data, li tista' tkun data li tiġi qabel id-data tad-dikjarazzjoni, li minnha għandha tkun effettiva, kif ukoll id-data sa meta għandha tkun effettiva.

(4) Id-Direttur jista', meta ssirlu applikazzjoni għal dak l-iskop, jekk ikun sodisfatt li l-ħtiġiet li jkunu jinsabu fis-subartikolu (1) għall-għemil ta' dikjarazzjoni jkunu għadhom jissussistu, jestendi l-perjodu li matulu dik id-dikjarazzjoni għandha tibqa' sseħħ.

(5) Id-Direttur jista' jirrevoka jew jemenda xi dikjarazzjoni li tkun tippermetti eżenzjoni taħt dan l-artikolu meta:

(a) kien hemm bidla f'xi fatti li kienu materjali għall-konċessjoni ta' l-eżenzjoni; jew

(b) l-intrapriżi jagħmlu kontravvenzjoni ta' xi kondizzjoni jew limitazzjoni mehmuża mad-dikjarazzjoni; jew

(ċ) d-deċiżjoni għall-konċessjoni ta' l-eżenzjoni kienet waħda msejsa fuq informazzjoni, mogħtija mill-intrapriża, li aktar 'il quddiem ġiet ippruvata bħala falza, qarrieqa jew mhux kompleta; jew

(d) l-intrapriżi jabbużaw mill-eżenzjoni konċessa:

u fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (b) sa (d) hawn aktar qabel, dik ir-revoka tista' tkun b'effett retroattiv.

(6) Meta d-Direttur jiċħad milli jagħti eżenzjoni jew jehmeż xi kondizzjonijiet jew limitazzjonijiet ma' l-eżenzjoni mogħtija jew jirrevoka jew jemenda xi dikjarazzjoni li għaliha jirreferi dan l-artikolu, l-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi involuta tista' fi żmien ħmistax il-jum mill-avviż tad-deċiżjoni tad-Direttur titolbu li jissottomettiha għal stħarriġ mill-Kummissjoni u d-Direttur għandu minnufih jimxi skond dik it-talba:

Iżda s-sottomissjoni ta' deċiżjoni għal stħarriġ mill-Kummissjoni ma għandhiex tissospendi d-deċiżjoni tad-Direttur kemm-il darba l-Kummissjoni f'ċirkostanzi eċċezzjonali ma tordnax xort'oħra.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

**8.** Minflok l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol l-artikolu li ġej:

"Eżenzjonijiet ġenerali.

8. (1) Il-Ministru jista' wara konsultazzjoni mad-Direttur b'regolamenti jippreskrivi illi għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att dawk il-kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma kif jista' jiġi speċifikat fir-regolamenti.

(2) Ir-regolamenti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom isiru biss meta l-ftehim, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) il-Ministru jista' f'dawk ir-regolamenti jagħmel eżenzjoni suġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet u limitazzjonijiet li jidhirlu xierqa.".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**9.** L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull abbuż minn intrapriża waħda jew iżjed minn pożizzjoni dominanti fis-suq relevanti mhux leġittimu.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "bi ħsara għall-konsumaturi jew provvedituri" għandhom jitħassru; u

(ii) minflok il-kliem "il-prezz marġinali tal-kost" fil-paragrafu (b) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "l-*average variable cost*";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "jew bi ftehim" għandhom jidħlu l-kliem "jew flimkien" kull fejn jinsabu u l-kliem "għandha dejjem titqies" għandhom jidħlu l-kliem "għandha, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, titqies"; u

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "il-prezz mitlub" għandhom jidħlu l-kliem "il-prezz tax-xiri jew il-prezz tal-bejgħ".

**10.** Minflok l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: **Sostituzzjoni ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.**

"Approvazzjoni negattiva. 10. (1) Kull persuna inkarigata minn intrapriża li jkollha għalfejn taħseb jew tissuspetta jew raġonevolment għandu jkollha għalfejn taħseb jew għandha għaliex tissuspetta li xi ftehim bejn intrapriżi, xi deċiżjoni minn għaqda ta' intrapriżi, xi prattika miftiehma bejn intrapriżi jew xi mġieba jistgħu jkunu ftehim, deċiżjoni, prattika jew imġieba projbiti skond l-artikoli 5 jew 9 ta' dan l-Att, għandha tfittex l-approvazzjoni negattiva tad-Direttur skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu u dik il-persuna għandha tkun prekluża milli taġixxi skond dak il-ftehim, jew dik id-deċiżjoni jew prattika, jew li timxi b'dik l-imġieba sakemm tiġi konċessa dik l-approvazzjoni negattiva.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, meta ssir talba bil-miktub minn intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi, id-Direttur jista' jiddikjara li, skond il-fatti li huwa jkun jaf bihom, jew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta mill-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi, il-ftehim, id-deċiżjoni, l-prattika jew l-imġieba ma jkunux jinkwadraw fil-projbizzjonijiet li jinsabu fl-artikoli 5 u 9 ta' dan l-Att u li ma jkun hemm ebda ħtieġa li tittieħed xi azzjoni dwarhom taħt dan l-Att.

(3) Deċiżjonijiet li jikkonċedu approvazzjoni negattiva jistgħu jkunu limitati fl-effett tagħhom għal dak iż-żmien li jista' jiġi dikjarat fl-istess deċizjoni.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, approvazzjoni negattiva konċessa skond dan l-artikolu tista' tiġi revokata jew emendata mid-Direttur meta:

(a) l-approvazzjoni negattiva tkun imsejsa fuq informazzjoni falza, qarrieqa jew mhux kompleta; jew

(b) kien hemm bidla fil-fatti li kienu materjal għall-konċessjoni ta' approvazzjoni negattiva; jew

(ċ) il-kondizzjonijiet tas-suq ikunu inbidlu b'tali mod li jikkaġunaw li l-ftehim, id-deċiżjoni, l-prattika jew l-imġieba jinkwadraw fil-projbizzjoni ta' l-artikoli 5 u, jew, 9 ta' dan l-Att.

(5) Ħadd ma jista' in konnessjoni ma' talba għal eżenzjoni taħt l-artikolu 7 jew għal approvazzjoni negattiva jagħti lid-Direttur xi informazzjoni li tkun falza, qarrieqa jew mhux kompleta, u kull eżenzjoni taħt l-artikolu 7 u kull approvazzjoni negattiva konċessa fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni tkun nulla u bla ebda effett.

(6) Approvazzjoni negattiva konċessa mid-Direttur għandu jkollha l-effett li tiddikjara l-ftehim, id-deċiżjoni, l-prattika jew l-imġieba li tkun tirreferi għalihom bħala li ma jkunux jiksru d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 5 u 9 ta' dan l-Att.

(7) Id-Direttur għandu jistabbilixxi minn żmien għal żmien il-proċedura għall-għemil ta' talbiet għal approvazzjoni negattiva taħt dan l-artikolu.

(8) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għad-deċiżjonijiet tad-Direttur taħt dan l-artikolu.

(9) Meta tkun ġiet rifjutata jew tkun ġiet revokata xi approvazzjoni negattiva, ħadd ma jista' jibqa' għaddej bil-ftehim, deċiżjoni, prattika jew imġieba li dwarhom ma tkunx ġiet konċessa, jew tkun giet revokata, xi approvazzjoni.".

Tħassir ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

**11.** L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali qiegħed b'dan jiġi mħassar.

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**12.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ikun id-dmir tad-Direttur li jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jiġu osservati minn kulħadd, u li jiġbor informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex sew hu sew il-kummissjoni jkunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom; u għal dak l-għan għandu jkollu s-setgħa li jagħmel investigazzjonijiet minn jeddu jew fuq talba tal-Ministru jew għax xi ħadd jagħmel ilment bil-miktub dwar allegazzjoni raġonevoli ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att."; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "mill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Uffiċċju".

**13.** Minnufih wara l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 12A ma' l-Att prinċipali.

"Ordnijiet ta' Waqfien u Ebda Tkomplija. 12A. (1) Meta wara li tkun konkluża investigazzjoni taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att id-Direttur jirriżultalu li l-ftehim, id-deċiżjoni, l-prattika jew l-imġieba investigati jkunu bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 5 u, jew, 9 ta' dan l-Att, id-Direttur jista' jagħmel rapport dwar il-konklużjonijiet tiegħu, fejn jagħti r-raġunijiet tiegħu u għandu jinnotifika kopja tar-rapport lill-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi involuti permezz ta' posta reġistrata jew tali konsenja dokumentata oħra hekk kif id-Direttur jista' jqis li jkun xieraq, flimkien ma' Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija li bih jordnalha jew jordnalhom l-waqfien u nuqqas ta' tkomplija ta' parteċipazzjoni minnha jew minnhom f'dak il-ftehim, jew f'dik id-deċiżjoni, prattika jew imġieba.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 7 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

**14.** Fl-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "għandu jagħmel rapport" u minflok il-kliem "b'sostenn ta' dawk il-konklużjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jagħmel rapport lill-Kummissjoni" u l-kliem "b'sostenn għalihom" rispettivament; u minnufih wara l-kliem "ta' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem ", meta d-Direttur jirriżultalu li jkun sar ksur gravi minħabba fis-serjetà u t-tul ta' żmien tal-ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma li ġew investigati,". Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**15.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

"(1) (a) Meta d-Direttur jirċievi xi ilment bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' dan l-Att, huwa għandu l-ewwel jeżamina jekk dak l-ilment ikunx wieħed ammissibbli jew xort'oħra, u meta jkun tal-fehma li l-ilment ikun *prima facie* wieħed mhux ammissibbli, huwa ma għandux jagħmel jew jissokta bl-investigazzjoni relattiva u d-Direttur ma jkunx meħtieġ li f'każijiet bħal dawk jgħarraf lill-Kummissjoni bl-ilment li jkun irċieva.

(b) Meta min jagħmel l-ilment ma jkunx jaqbel mad-deċiżjoni tad-Direttur li *prima facie* l-ilment ma jkunx wieħed ammissibbli jew mid-deċiżjoni tad-Direttur wara investigazzjoni

li l-ilment ma jkunx wieħed ġustifikat, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 7 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

**16.** L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "għall-Kummerċ Ġust" għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "Id-Direttur għandu" għandhom jidħlu l-kliem "Meta d-Direttur iqis li jkun meħtieġ li jittieħdu miżuri interim, huwa għandu", u minflok il-kelma "għaqda" għandhom jidħlu l-kliem "għaqda ta' intrapriżi".

Żieda ta' l-artikoli 15A u 15B ġodda ma' l-Att prinċipali.

**17.** Minnufih wara l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Ordnijiet interim.

15A. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att meta d-Direttur jkun sodisfatt filwaqt ta' xi investigazzjoni li jkunu qegħdin jiġru xi prattiki restrittivi u huwa jqis li jkun hekk meħtieġ li jagħmel sabiex jikkumpensa sitwazzjoni li titnissel minn dawk il-prattiki li x'aktarx ikunu se jikkaġunaw ħsara lill-interess eknomiku ġenerali, huwa jista' joħroġ ordni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa ordni interim, li tkun tippreskrivi bħala miżura interim l-ogħla prezz li bih dawk l-oġġetti li jistgħu jiġu msemmija fl-ordni interim jistgħu jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ jew l-ogħla prezz li jista' jitħallas għal dawk is-servizzi skond kif jista' jissemma fl-ordni interim jew li bih jistgħu jiġu offruti dawk is-servizzi.

(2) Ordnijiet interim għandhom jibdew iseħħu fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta jew f'dik id-data li tiġi wara li tista' tiġi speċifikata fl-ordni interim jew f'ordni interim li tiġi wara.

(3) Fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta, kull ordni interim għandha tiġi mistħarrġa mill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha filwaqt li tagħmel dak l-istħarriġ tisma' lid-Direttur u lil kull intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi li jkollha interess hekk kif tista' tqis li jkun meħtieġ.

(4) Meta l-Kummissjoni wara l-istħarriġ hawn aktar qabel imsemmi tiddikjara li l-ordni interim tkun adattata u meħtieġa, dik l-ordni interim għandha tibqa' sseħħ, kemm-

il darba ma tkunx ġiet qabel revokata mid-Direttur għal perjodu ta' sena mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(5) Meta l-Kummissjoni wara l-istħarriġ kif hawn aktar qabel imsemmi jirriżultalha li l-ordni interim ma tkunx adattata jew meħtieġa, jew meta ma' l-iskadenza ta' sitt xhur mill-pubblikazzjoni ta' l-ordni interim fil-Gazzetta l-Kummissjoni ma tkunx temmet l-istħarriġ, l-ordni interim għandha ttemm milli tibqa' sseħħ:

Iżda meta l-Kummissjoni jirriżultalha li ordni interim tkun adattata u meħtieġa fiċ-ċirkostanzi iżda ma tkunx taqbel li dik l-ordni interim kif maħruġa mid-Direttur kienet waħda adattata, hija tista' timmodifika l-ordni interim u dik l-ordni interim kif tkun ġiet hekk modifikata għandha tibda sseħħ malli tiġi ppubblikata fil-Gazzetta u għandha tibqa' sseħħ bħallikieku kienet ordni interim bħal dik imsemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu.

(6) Meta ordni interim ttemm milli jkollha iktar seħħ, dan għandu jiġri mingħajr ebda preġudizzju għal:

(a) kull responsabbiltà li persuna tidħol fiha matul il-perjodu li l-ordni kienet fis-seħħ;

(b) kull ħaġa magħmula jew imħollija milli ssir skond il-liġi matul il-perjodu li l-ordni kienet fis-seħħ;

(ċ) kull obbligazzjoni li ssir favur xi persuna jew kull dritt miksub kontra xi persuna matul il-perjodu li l-ordni kienet fis-seħħ;

(d) id-dritt li jkollu d-Direttur li jagħmel l-istess ordni interim jew waħda bħalha skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Id-Direttur għandu jimxi skond id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

15B. Meta xi deċiżjoni tad-Direttur tkun skond dan l-Att mistħarrġa mill-Kummissjoni, id-Direttur għandu jaġixxi skond id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u jagħmel dawk it-tibdiliet fid-deċiżjonijiet tiegħu skond hekk.".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

**18.** L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali relattiva minflok il-kliem "Reat ta' prattika ristretta." għandu jidħol il-kliem "Reat ta' prattika restrittiva u ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti.";".

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "l-Kummissjoni" għandhom jidħlu l-kliem "l-Kummissjoni jew id-Direttur", u minnufih wara l-kliem "ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "u meta xi azzjoni tkun ġiet dikjarata mill-Kummissjoni jew mid-Direttur li tkun abbuż ta' pożizzjoni dominanti skond l-artikolu 9 ta' dan l-Att", u minflok il-kliem "jew prattika tkun ħatja" għandhom jidħlu l-kliem "jew prattika, jew abbużi ta' pożizzjoni dominanti, tkun ħatja";

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem minn "jkollha għalfejn taħseb" sa "l-artikolu 5 ta' dan l-Att u" għandhom jidħlu l-kliem "għaliha japplika s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att, li", u minflok il-kliem "kif meħtieġ taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6" għandhom jidħlu l-kliem "kif meħtieġ taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(4) Meta persuna taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att hija tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**19.** Minflok l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Disubbidjenza ta' Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija.

17. Kull persuna li tmur kontra Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija maħruġa mid-Direttur skond l-artikolu 12A ta' dan l-Att tkun ħatja, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra, ta' reat kontra dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

**20.** Fl-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-artikoli 16, 17 u 18" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 16 u 18", u minnufih wara l-kliem "tal-Kummissjoni" għandhom jidħlu l-kliem "jew tad-Direttur".

Emenda ta' l-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali.

**21.** L-artikolu 20 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "ordnijiet ta' prezzijiet" fin-nota marġinali li tinsab ma' l-artikolu, għandhom jidħlu l-kliem "ordnijiet interim"; u

(b) minflok il-kliem "ordni ta' prezzijiet maħruġ taħt l-artikolu 11" għandhom jidħlu l-kliem "ordni interim maħruġ taħt l-artikolu 15A".

**22.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "l-artikoli 16, 17, 18 jew 20" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikoli 16, 18 jew 20", minflok il-kliem "ta' tlett elef lira jew għaxra fil-mija" għandhom jidħlu l-kliem "ta' bejn wieħed u għaxra fil-mija" u minflok il-kliem "skond liema minnhom tkun l-ogħla multa" għandhom jidħlu l-kliem "b'dana illi l-multa ma għandhiex tkun ta' anqas minn tlett elef lira". Emenda ta' l-artikolu 21 ta' l-Att prinċipali.

**23.** Minnufih wara l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:- Żieda ta' l-artikolu 22A ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Piena għal reati kontra l-artikolu 17.

22A. (1) Kull persuna ħatja ta' reat kontra l-artikolu 17 ta' dan l-Att tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux anqas minn Lm 100 u mhux iktar minn Lm 1,000 għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 21 għandhom ukoll japplikaw.".

**24.** L-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali relattiva minflok il-kliem "l-artikoli 6 u 10" għandhom jidħlu l-kliem "s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 10"; u

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem minn "tas-subartikoli (1), (5) jew (8)" sal-kliem "għas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 6" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 10".

**25.** Fl-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "Lm 50" għandhom jidħlu l-kliem "Lm 100". Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

**26.** Minnufih wara l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin: Żieda ta' l-artikoli 26A u 26B ġodda ma' l-Att prinċipali.

"Pieni b'kompromess.

26A. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan l-Att, fil-każ ta' reat kontra l-artikolu 17, fejn id-Direttur, wara li għamel l-investigazzjoni li wasslet għal ħruġ ta' l-Ordni ta' Waqfien u Ebda Tkomplija skond l-artikolu 12A ma jkunx għamel kull rapport lill-Kummissjoni skond l-artikolu 13, id-Direttur jista' jimponi piena ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux iżjed minn elfejn lira bħala alternattiva għal proċeduri fil-Qorti.

Estinzjoni ta' responsabbiltà kriminali f'ċerti każijiet.

26B. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, id-Direttur jista', biss sakemm għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel ftehim bil-miktub mal-ħati li bih dak il-ħati jħallas jew jagħti sigurtà għas-sodisfazzjon tad-Direttur għall-ħlas ta' somma li ma tkunx inqas minn ħamsin fil-mija ta' l-inqas piena applikabbli għar-reat u mhux iżjed minn sebgħin fil-mija ta' l-ogħla piena applikabbli għar-reat hekk kif id-Direttur jista' bi ftehim mal-Kummissjoni jistabbilixxi u malli jiġi ffirmat il-ftehim mid-Direttur u mill-ħati kull responsabbiltà kriminali tal-ħati taħt dan l-Att għar-rigward tar-reat li dwaru jkun sar il-ftehim għandha tiġi estinta:

Iżda meta l-piena għar-reat tkun ammont stabbilit mingħajr ebda limitu baxx jew għoli, għaldaqstant is-somma li titħallas taħt dak il-ftehim għandha tiġi stabbilita kif hawn aktar qabel imsemmi f'ammont mhux inqas minn għoxrin u mhux iżjed minn sebgħin fil-mija ta' dik il-piena.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

**27.** Minflok l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Applikabilità ta' l-Att għal dipartimenti tal-Gvern.

30. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll għal kull dipartiment tal-Gvern jew għal kull korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew għal kull kumpannija jew soċjetà oħra li fihom il-Gvern, direttament jew indirettament, ikollu l-kontroll jew li lilhom il-Gvern ikun ikkonċeda drittijiet speċjali jew esklużivi f'xi qasam.

(2) Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jeżenta xi ħidma jew kull ħidma ta' xi intrapriża, li għaliha s-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu japplika, mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali.

**28.** Fl-artikolu 31 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "jew xi persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "jew xi uffiċjal jew kuntrattur tiegħu" u minnufih wara l-kliem "xi att jew ommissjoni" għandhom jidħlu l-kliem "in konnessjoni ma' dan l-Att".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali.

**29.** Minflok l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

32. Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħmel regolamenti għat-twettiq kif dovut tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u jista' b'mod partikolari b'dawk ir-regolamenti

jippreskrivi regoli għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet inklużi *joint ventures* konċentrattivi li jistgħu jipprevjenu, jirrestringu jew jiddeformaw il-kompetizzjoni fis-suq rilevanti.".

**30.** Minnfufih wara l-artikolu 32 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' l-artikolu 33 ġdid ma' l-Att prinċipali.

"Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.

33. Il-Ministru jista' b'regolamenti:

(a) jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu lid-Direttur in konnessjoni ma' xi talba lid-Direttur taħt dan l-Att u in konnessjoni ma' proċeduri quddiem il-Kummissjoni;

(b) jeżenta xi ftehim, deċiżjoni jew prattika in konnessjoni ma' l-agrikoltura u sajd mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jippreskrivi.".

**31.** Fil-paragrafu 14 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali minflok il-kliem "mill-organi" għandhom jidħlu l-kliem "mogħtija mill-istituzzjonijiet" u minflok il-kliem "tat-trattati u d-direttivi" għandhom jidħlu l-kliem "tat-trattati, direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet". Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 424 ta' l-14 ta' Novembru, 2000.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*